# FIL-MEWT TA' P. UMBERT SANT, O.P.

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

Bikri lemħek misjura f'art għammiela
Il-Ġennien twajjeb tagħna, Frotta bnina,
Għalkemm is-sigra ħbietek sew fi dlielha
Sabek u qatgħek ħalli tkunlu żina

Tal-mejda tiegħu, fejn susa qattiela
Ma tmissek qatt, la taħt il-libsa rżina
Tal-qoxra tiegħek bajda u sewda, ġmielha
Bil-ħajr tal-qawwa wriet ix-Xemx ħanina.

La tgħirx għal sħabek illi qalb il-weraq
Għadhom jitħabtu nejja ma' l-irjieħ,
Beżgħana jekk għal-l-ħsad joħliex il-meraq.

Inti ma tħossha qatt teħodha miegħek
Qillet is-sajf, lanqas tax-xitwa l-ksieħ,
'Ma tibqa' għal dejjem fir-rebbiegħa tiegħek.